IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 30.7.2019
COM(2019) 358 final

RAPPORT TAL-KUMMISSJONI

Rapport Annwali dwar is-Sikurezza tal-Operazzjonijiet taż-Żejt u tal-Gass offshore fl-Unjoni Ewropea għas-Sena 2017

Werrej

1. INTRODUZZJONI 2
2. BAŻI ĠURIDIKA 3
3. METODOLOĠIJA U INFORMAZZJONI RIĊEVUTA MINGĦAND L-ISTATI MEMBRI 3
4. IS-SETTUR TAŻ-ŻEJT U TAL-GASS OFFSHORE FL-UNJONI EWROPEA 4
4.1 Installazzjonijiet u produzzjoni 4
4.2 Spezzjonijiet, investigazzjonijiet, azzjonijiet ta' infurzar u qafas regolatorju offshore 8
5. ID-*DATA* DWAR L-INĊIDENTI U L-PRESTAZZJONI TAS-SIKUREZZA TAL-OPERAZZJONIJIET OFFSHORE 10
6. KONKLUŻJONIJIET 12

1. INTRODUZZJONI

Dan huwa t-tieni rapport tal-Kummissjoni Ewropea dwar is-sikurezza ta' operazzjonijiet taż-żejt u l-gass offshore fl-Unjoni Ewropea (UE). L-ewwel rapport kopra s-sikurezza fis-sena 2016, u nħareġ f'Awwissu 2018.

Il-bażi ġuridika għal dan ir-rapport hija d-Direttiva 2013/30/UE[1] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Ġunju 2013 dwar l-operazzjonijiet taż-żejt u tal-gass offshore u li temenda d-Direttiva 2004/35/KE ("Direttiva dwar is-Sikurezza Offshore"). Din il-leġiżlazzjoni għandha l-għan li tikseb livell għoli ta' sikurezza fl-operazzjonijiet taż-żejt u tal-gass offshore, għall-benefiċċju ta': il-ħaddiema; l-ambjent; il-pjattaformi u tagħmir offshore; u attivitajiet ekonomiċi bħas-sajd u t-turiżmu. Id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva, kif implimentati mill-Istati Membri, se jgħinu biex: (i) jiġu evitati inċidenti kbar; (ii) jitnaqqas in-numru ta' inċidenti; u (iii) jiżguraw segwitu effettiv tal-aċċidenti u tal-inċidenti sabiex itaffu l-konsegwenzi tagħhom.

Bħal fir-rapport għall-2016, l-għan ta' dan ir-rapport annwali huwa: (i) li tiġi pprovduta *data* dwar l-għadd u t-tip ta' installazzjonijiet fl-UE; u (ii) li tingħata informazzjoni dwar inċidenti — u l-prestazzjoni tas-sikurezza ta' — operazzjonijiet taż-żejt u tal-gass offshore. Fis-snin li ġejjin, meta jkunu disponibbli rapporti addizzjonali, is-sensiela ta' rapporti annwali se sservi bħala rekord tal-iżvilupp kronoloġiku tal-prestazzjoni tas-sikurezza fl-attivitajiet relatati maż-żejt u l-gass offshore tal-Istati Membri.

Dan ir-rapport huwa bbażat fuq rapporti annwali u *data* li ġiet mgħarrfa mill-Istati Membri kif meħtieġ mid-Direttiva dwar is-Sikurezza Offshore. Il-Kummissjoni rċeviet *data* mingħand il-Bulgarija, il-Kroazja, Ċipru, id-Danimarka, il-Ġermanja, il-Greċja, l-Irlanda, l-Italja, in-Netherlands, il-Polonja, ir-Rumanija, Spanja u r-Renju Unit. Il-biċċa l-kbira tal-installazzjonijiet jinsabu fil-Baħar tat-Tramuntana u fl-Oċean Atlantiku (378 installazzjoni), filwaqt li 166 installazzjoni jinsabu fil-Baħar Mediterran, tmienja (8) jinsabu fil-Baħar l-Iswed u tnejn (2) fil-Baħar Baltiku.

L-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri spezzjonaw l-installazzjonijiet offshore regolarment fil-ġurisdizzjonijiet tagħhom fl-2017. Wara ċerti inċidenti, tliet Stati Membri (ir-Renju Unit, id-Danimarka u n-Netherlands) wettqu investigazzjonijiet matul il-perjodu ta' rappurtar. Ir-Renju Unit wettaq 16-il investigazzjoni dwar is-sikurezza u t-tħassib ambjentali, u żewġ (2) investigazzjonijiet għal inċidenti kbar. Waħda mill-investigazzjonijiet ta' inċidenti kbar fir-Renju Unit kienet għadha għaddejja matul iż-żmien tar-rapportar. Id-Danimarka u n-Netherlands wettqu investigazzjoni waħda (1) kull wieħed għal aċċident maġġuri.

Iċ-ċifri pprovduti mill-Istati Membri, speċifikament dwar l-għadd u l-gravità tal-aċċidenti rrapportati meta mqabbel man-numru tal-installazzjonijiet, jindikaw li s-settur offshore Ewropew wera wkoll prestazzjoni tas-sikurezza tajba fl-2017.

[1] ĠU L 178, 28 ta' Ġunju 2013, p. 66.

2. BAŻI ĠURIDIKA

Skont l-Artikolu 25 tad-Direttiva dwar is-Sikurezza Offshore, il-Kummissjoni hi meħtieġa tippubblika rapport annwali dwar is-sikurezza u l-impatt ambjentali tal-operazzjonijiet taż-żejt u tal-gass offshore abbażi tal-informazzjoni rrapportata mill-Istati Membri. L-Istati Membri jridu jippreżentaw rapport annwali lill-Kummissjoni li jkun fih l-informazzjoni speċifikata fl-Anness IX (il-punt 3) tad-Direttiva dwar is-Sikurezza Offshore, sal-1 ta' Ġunju ta' kull sena.

Ir-rapporti annwali li għandhom jiġu ppreżentati mill-Istati Membri skont l-Artikolu 25 irid ikun fihom mill-inqas l-informazzjoni li ġejja:

(a) l-għadd, l-età u l-post tal-installazzjonijiet;
(b) l-għadd u t-tip ta' spezzjonijiet u ta' investigazzjonijiet imwettqa, flimkien ma' kwalunkwe azzjoni ta' infurzar jew kundanna;
(c) id-*data* dwar l-inċidenti skont is-sistema ta' rapportar komuni meħtieġa fl-Artikolu 23;
(d) kwalunkwe bidla kbira fil-qafas regolatorju offshore;
(e) il-prestazzjoni tal-operazzjonijiet taż-żejt u tal-gass offshore.

L-iskadenza li għandhom l-Istati Membri biex jippubblikaw l-informazzjoni meħtieġa hija l-1 ta' Ġunju tas-sena ta' wara l-perjodu tar-rapportar (eż. l-1 ta' Ġunju 2018 għas-sena 2017).

L-Istati Membri jridu jirrapportaw billi jużaw format komuni pprovdut permezz tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1112/2014 tat-13 ta' Ottubru 2014. Dan ir-Regolament ta' Implimentazzjoni jistabbilixxi format komuni għall-kondiviżjoni tal-informazzjoni dwar l-indikaturi ta' perikli kbar mill-operaturi u s-sidien ta' installazzjonijiet taż-żejt u tal-gass offshore. Jistabbilixxi wkoll format komuni għall-pubblikazzjoni ta' informazzjoni dwar l-indikaturi ta' perikli kbar mill-Istati Membri[2]. Dokument ta' Gwida tal-Kummissjoni[3] *data*t il-25 ta' Novembru 2015 jipprovdi informazzjoni speċifika ulterjuri dwar ir-Regolament ta' Implimentazzjoni u jispjega kif għandu jintuża l-format ta' rapportar.

3. METODOLOĠIJA U INFORMAZZJONI RIĊEVUTA MINGĦAND L-ISTATI MEMBRI

Skont l-Anness IX (il-punt 3) tad-Direttiva dwar is-Sikurezza Offshore, l-Istati Membri huma obbligati jippreżentaw informazzjoni definita b'mod ċar dwar l-inċidenti fis-settur taż-żejt u tal-gass offshore tagħhom, billi jużaw il-mudelli pprovduti permezz tar-Regolament ta' Implimentazzjoni 1112/2014. Id-*data* ppreżentata trid tinkludi informazzjoni dwar l-installazzjonijiet taż-żejt u tal-gass offshore fl-UE, bħal pereżempju l-għadd, it-tip, il-post u l-età. Ir-rapporti mill-Istati Membri

[2] ĠU L 302, 22 ta' Ottubru 2014, p. 2.
[3] https://euoag.jrc.ec.europa.eu/files/attachments/2015_11_25_implementing_regulation_guidance_document_final.pdf

għandhom jagħtu wkoll informazzjoni dwar in-numru ta': (i) spezzjonijiet offshore, investigazzjonijiet u azzjonijiet ta' infurzar meħuda; (ii) inċidenti skont il-kategorija; u (iii) korrimenti.

Minbarra d-*data* dwar l-Istati Membri individwali, il-Kummissjoni vvalutat il-prestazzjoni tas-sikurezza tar-reġjuni offshore. Il-Kummissjoni għamlet dan ukoll għar-rapport tal-2016. Għal dan il-għan, il-Kummissjoni tikkunsidra: (i) lill-Ġermanja, lid-Danimarka, lil Franza, lir-Renju Unit, lill-Irlanda u lin-Netherlands bħala r-reġjun tal-Baħar tat-Tramuntana u l-Atlantiku; (ii) lil Spanja, il-Greċja, il-Kroazja, Ċipru, l-Italja u Malta bħala r-reġjun tal-Mediterran; (iii) lill-Bulgarija u r-Rumanija bħala r-reġjun tal-Baħar l-Iswed; u (iv) lil-Latvja u l-Polonja bħala r-reġjun tal-Baħar Baltiku.

Għar-rapport annwali tagħha għall-2017, il-Kummissjoni użat l-informazzjoni pprovduta mill-Bulgarija, mill-Kroazja, minn Ċipru, mill-Greċja, min-Netherlands, mid-Danimarka, mill-Ġermanja, mill-Irlanda, mill-Italja, mill-Polonja, mir-Rumanija, minn Spanja u mir-Renju Unit. L-Istati Membri l-oħra ma kinux attivi fis-settur taż-żejt u tal-gass offshore jew ma ppreżentawx informazzjoni rilevanti għal dan ir-rapport.

Bl-eċċezzjoni tar-Renju Unit, l-Istati Membri kollha b'operazzjonijiet taż-żejt u tal-gass offshore pprovdew *data* kompluta dwar l-installazzjonijiet kollha tagħhom. Ir-Renju Unit illimita partijiet mir-rapport tiegħu għal installazzjonijiet li kienu soġġetti għal rieżami regolatorju tad-dokumentazzjoni tagħhom tal-valutazzjoni tar-riskji (l-Artikolu 42(2) tad-Direttiva dwar is-Sikurezza Offshore). Dan ifisseri li l-informazzjoni mir-Renju Unit dwar l-investigazzjonijiet, l-azzjonijiet ta' infurzar, *data* dwar l-inċidenti u l-prestazzjoni tas-sikurezza ta' operazzjonijiet offshore hija limitata għal 139 installazzjoni, minn total ta' 188 installazzjoni preżenti fil-pjattaforma kontinentali tar-Renju Unit fl-2017.

4. IS-SETTUR TAŻ-ŻEJT U TAL-GASS OFFSHORE FL-UNJONI EWROPEA

4.1 Installazzjonijiet u produzzjoni

Il-maġġoranza l-kbira tal-installazzjonijiet offshore[4] fl-ilmijiet tal-UE jinsabu fil-Baħar tat-Tramuntana, speċifikament fiż-żoni ekonomiċi esklussivi tar-Renju Unit u fin-Netherlands (madwar 34 % u 28 % tal-installazzjonijiet offshore fl-ilmijiet tal-UE, rispettivament). Fil-Mediterran, l-Italja hija l-iktar Stat Membru attiv (25% tal-installazzjonijiet kollha fl-ilmijiet tal-UE) segwita mill-Kroazja. Fir-reġjun tal-Baħar l-Iswed, ir-Rumanija għandha industrija taż-żejt u tal-gass offshore stabbilita filwaqt li l-Bulgarija bdiet l-attivitajiet ta' esplorazzjoni għal idrokarburi offshore iżda għandha produzzjoni limitata ħafna. Skont ir-rapporti li waslu mingħand l-Istati Membri mal-Baħar

[4] Unitajiet Mobbli tat-Tħaffir Offshore (MODUs, Mobile Offshore Drilling Units) mhumiex parti mill-analiżi tat-Taqsima 4.1.

Baltiku, il-Polonja biss għandha installazzjonijiet offshore f'dan ir-reġjun (ara t-Tabella 1). B'kollox, kien hemm 554 installazzjoni tal-produzzjoni u mhux tal-produzzjoni rrappurtati fl-ilmijiet tal-UE fl-2017, li jikkostitwixxu tnaqqis ta' madwar 5% (32 installazzjoni inqas) meta mqabbla mal-2016.

Tabella 1: Installazzjonijiet fissi: "Tip ta' installazzjoni", skont ir-reġjun u l-Istat Membru

Reġjun/Pajjiż		**Tip ta' installazzjoni**					**Bidla Totali mill-2016**
		FMI	**NUI**	**FNP**	**FPI**	**Total**	
Il-Baħar Baltiku		1	1	0	0	**2**	**0**
	Il-Polonja	1	1	0	0	**2**	**0**
Il-Baħar l-Iswed		7	1	0	0	**8**	**-1**
	Il-Bulgarija	0	1	0	0	**1**	**0**
	Ir-Rumanija	7	0	0	0	**7**	**-1**
Il-Mediterran		16	147	0	3	**166**	**+1**
	Il-Greċja	1	1	0	0	**2**	**0**
	L-Italja	12	126	0	3	**141**	**+1**
	Spanja	1	2	0	0	**3**	**0**
	Il-Kroazja	2	18	0	0	**20**	**0**
Il-Baħar tat-Tramuntana u l-Atlantiku		**143**	**212**	**1**	**22**	**378**	**-32**
	Ir-Renju Unit	80	86	1	21	**188**	**-37**
	L-Irlanda	0	1	0	1	**2**	**0**
	Id-Danimarka	10	20	0	0	**30**	**+1**
	In-Netherlands	51	105	0	0	**156**	**+4**
	Il-Ġermanja	2	0	0	0	**2**	**0**
Totali		**167**	**361**	**1**	**25**	**554**	**-32**

(*) FMI – Installazzjoni fissa, bl-ekwipaġġ; FNP – Installazzjoni fissa, mhux tal-produzzjoni; FPI — Installazzjoni tal-produzzjoni f'wiċċ l-ilma; NUI — Installazzjoni (li normalment tkun) mingħajr ekwipaġġ

Fl-2017, kien hemm 6 installazzjoni rrappurtati li ġew dekummissjonati fl-ilmijiet tal-UE: 5 fir-Renju Unit u 1 fl-Italja. Fl-istess sena, ġew irrappurtati 2 installazzjoni fissa ġodda li daħlu fis-servizz: 1 fir-Renju Unit u 1 fl-Italja. Il-moviment tal-installazzjonijiet tal-produzzjoni f'wiċċ l-ilma wassal biex tiġi rrapportata installazzjoni 1 addizzjonali. Bidliet fil-metodi ta' rapportar ta' xi Stat Membri wkoll ikkontribwixxew għall-bidla fl-għadd ta' installazzjonijiet rrappurtati, meta mqabbel mal-2016.

Aktar minn nofs l-installazzjonijiet offshore fl-ilmijiet tal-UE ġew stabbiliti bejn l-1980 u l-2000. Mill-2010 ’l hawn, l-iżvilupp ta’ installazzjonijiet ġodda tal-produzzjoni naqas notevolment fil-Baħar tat-Tramuntana u fir-reġjun tal-Atlantiku u fil-Baħar Mediterran (it-Tabella 2 u l-Illustrazzjoni 1).

Tabella 2: Għadd ta’ installazzjonijiet preżenti fl-ilmijiet tal-UE, skont id-deċennju ta’ meta bdew joperaw u skont ir-reġjun(*)

Deċennju ta’ meta bdew joperaw	REĠJUN				
	Il-Baħar Baltiku	**Il-Baħar l-Iswed**	**Il-Mediterran**	**Il-Baħar tat-Tramuntana u l-Atlantiku**	**Total**
Data mhux disponibbli				6	**6**
1960-1969	0	0	7	21	**28**
1970-1979	0	0	14	40	**54**
1980-1989	0	2	53	82	**137**
1990-1999	1	3	42	118	**164**
2000-2009	1	3	40	69	**113**
2010-2019	0	0	10	42	**52**
Total	**2**	**8**	**166**	**378**	**554**

(*) Meta mqabbla mad-*data* rrappurtata fl-2016, id-*data* rigward is-sena meta bdew joperaw l-installazzjonijiet kienet aktar kompluta fir-rapporti tal-Istati Membri għall-2017. Għalhekk hemm xi diskrepanzi bejn id-*data* korrispondenti tas-sentejn ta’ rapportar.



Illustrazzjoni 1: Installazzjonijiet fissi ġodda skont id-deċennju u r-reġjun

Il-biċċa l-kbira (madwar 94 %) taż-żejt u tal-gass domestiċi tal-UE tiġi prodotta fil-Baħar tat-Tramuntana u fir-reġjun tal-Atlantiku (it-Tabella 3). Ir-Renju Unit huwa bil-kbir l-akbar kontributur, segwit min-Netherlands u mid-Danimarka. L-Italja u l-Kroazja huma produtturi attivi fil-Baħar Mediterran, filwaqt li fil-Baħar l-Iswed hija biss ir-Rumanija li bħalissa għandha output taż-żejt u tal-gass notevoli.

Tabella 3: Il-produzzjoni taż-żejt u tal-gass offshore fl-UE f'kilotunnellati ta' ekwivalent taż-żejt (ktoe)

Reġjun/Pajjiż		**Il-Produzzjoni Totali fl-2017 f'ktoe**	**Total tal-UE f'%**	**Bidla mill-2016 f'ktoe**	**Bidla mill-2016 f'%**
Il-Baħar Baltiku		**229.92**	**0.20%**	**107.01**	**46.5**
	Il-Polonja	229.92	0.20%	107.01	46.5
Il-Baħar l-Iswed		**1,509.27**	**1.34%**	**-49.62**	**-3.3**
	Il-Bulgarija	44.08	0.04%	-17.7	-40.2
	Ir-Rumanija	1,465.19	1.30%	-31.92	-2.2
Il-Mediterran		**4,692.36**	**4.15%**	**-770.04**	**-16.4**
	Il-Kroazja	691.20	0.61%	-	-

				176.69	25.6
	Il-Greċja	146.16	0.13%	-34.35	-23.5
	L-Italja	3,731.00	3.30%	-486	-13.0
	Spanja	124.00	0.11%	-73	-58.9
Il-Baħar tat-Tramuntana u l-Atlantiku		**106,620.27**	**94.31%**	**-2,312.18**	**-2.2**
	Id-Danimarka	11,393.00	10.08%	52	0.5
	Il-Ġermanja	1,070.00	0.95%	31.91	3.0
	L-Irlanda	227.40	0.20%	96.52	42.4
	In-Netherlands	12,986.00	11.49%	-867	-6.7
	Ir-Renju Unit	80,943.88	71.60%	-1,625.6	-2.0
Total		**113,051.83**	**100.00%**	**-3,024.82**	**-2.7**

4.2 Spezzjonijiet, investigazzjonijiet, azzjonijiet ta' infurzar u qafas regolatorju offshore[5]

L-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri spezzjonaw l-installazzjonijiet offshore regolarment fil-ġurisdizzjonijiet tagħhom. It-Tabella 4 tippreżenta l-għadd ta' spezzjonijiet offshore li twettqu matul is-sena ta' rapportar. L-għadd ta' spezzjonijiet normalment jiżdied skont l-għadd ta' installazzjonijiet. Ta' min jinnota li l-awtoritajiet kompetenti tal-Italja u tal-Ġermanja wettqu għadd relattivament għoli ta' spezzjonijiet b'rabta mal-għadd ta' installazzjonijiet meta mqabbla ma' Stati Membri oħra.

Id-*data* li waslet rigward l-ispezzjonijiet hija pjuttost simili għal dik irrapportata fl-2016. B'mod ġenerali, saru inqas spezzjonijiet fl-2017 (630) meta mqabbla mal-2016 (735). Madanakollu ġie allokat aktar sforz f'termini ta' jiem maħduma (2,083 jum maħdum fl-2017 meta mqabbel ma' 1,913-il jum maħdum fl-2016). It-Tabella 4 tinkludi żewġ kolonni addizzjonali li jelenkaw il-proporzjonijiet ta' jiem maħduma għal kull installazzjoni spezzjonata u l-proporzjonijiet ta'

[5] ĠU L 178, 28 ta' Ġunju 2013, p. 78

L-Artikolu 8(1)(b) tad-Direttiva dwar is-Sikurezza Offshore dwar il-funzjonijiet regolatorji tal-awtorità kompetenti: is-sorveljanza tal-konformità minn operaturi u sidien ma' din id-Direttiva, inklużi spezzjonijiet, investigazzjonijiet u azzjonijiet ta' infurzar.

installazzjonijiet spezzjonati għal kull għadd totali ta' installazzjonijiet għal kull Stat Membru. Bħal fl-2016, ir-Rumanija ma rrapportatx li wettqet spezzjoni matul l-2017.

Tabella 4: Għadd ta' spezzjonijiet offshore skont ir-reġjun u l-Istat Membru fl-2017(*)(**)

Reġjun/Pajjiż		**Spezzjonijiet**	**Jiem maħduma ta' bniedem wieħed fuq l-installazzjoni (bil-ħin tal-ivvjaġġar mhux inkluż)**	**Għadd ta' installazzjonijiet spezzjonati**	**Jiem maħduma skont l-Installazzjonijiet spezzjonati**	**Installazzjonijiet spezzjonati bħala perċentwal tal-għadd totali ta' installazzjonijiet**
Il-Baħar Baltiku		**2**	**7**	**2**	**3.50**	**67%**
	Il-Polonja	2	7	2	3.50	67%
Il-Baħar l-Iswed		**1**	**0**	**1**	**0.00**	**11%**
	Il-Bulgarija	1	0	1	0.00	100%
	Ir-Rumanija	0	0	0	0.00	0
Il-Mediterran		**304**	**378**	**96**	**3.94**	**56%**
	Il-Kroazja	12	2	6	0.33	30%
	Ċipru	2	9	1	9.00	50%
	Il-Greċja	0	0	0	-	-
	L-Italja	289	366	88	4.16	61%
	Spanja	1	1	1	1.00	33%
Il-Baħar tat-Tramuntana u l-Atlantiku		**323**	**1,698**	**225**	**7.55**	**56%**
	Id-Danimarka	18	62	15	4.13	41%
	Il-Ġermanja	10	10	2	5.00	100%
	L-Irlanda	3	32	2	16.00	67%
	In-Netherlands	60	41	49	0.84	30%
	Ir-Renju Unit	232	1,553	157	9.89	80%
Total		**630**	**2,083**	**324**	**6.43**	**56%**

(*) Il-valuri normalizzati jqisu l-għadd totali ta' installazzjonijiet (jiġifieri dawk fissi u dawk mobbli) li jkunu qed joperaw f'ġurisdizzjoni. In-numri għal Reġjun / Totali jqisu li 4 (erba') installazzjonijiet mobbli ġew

identifikati li kienu qed joperaw f'aktar minn ġurisdizzjoni waħda (ir-reġjun tal-Baħar tat-Tramuntana) matul l-2017.

(**)It-tabella tinkludi tagħrif mill-Istati Membri b'mill-inqas installazzjoni offshore waħda preżenti fil-ġurisdizzjoni tagħhom fl-2017.

L-Artikolu 18 tad-Direttiva dwar is-Sikurezza Offshore jagħti ċerti drittijiet u setgħat lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri fuq operazzjonijiet u installazzjonijiet fil-ġurisdizzjoni tagħhom. Dawn id-drittijiet u s-setgħat jinkludu d-dritt li jiġu pprojbiti l-operazzjonijiet u d-dritt li jintalbu miżuri għall-iżgurar tal-konformità mal-prinċipji ġenerali tal-ġestjoni tar-riskju u għall-iżgurar ta' operazzjonijiet sikuri. L-Istati Membri fir-reġjun tal-"Baħar tat-Tramuntana u l-Atlantiku" ħadu tmien tali azzjonijiet ta' infurzar matul is-sena ta' rapportar tal-2017.

Tliet Stati Membri wettqu investigazzjonijiet matul il-perjodu ta' rapportar; ir-Renju Unit, id-Danimarka u n-Netherlands. Ir-Renju Unit wettaq 16-il investigazzjoni dwar is-sikurezza u t-tħassib ambjentali, u żewġ (2) investigazzjonijiet għal inċidenti kbar. Waħda mill-investigazzjonijiet ta' inċidenti kbar fir-Renju Unit kienet għadha għaddejja matul iż-żmien tar-rapportar. Id-Danimarka wettqet investigazzjoni waħda (1) għal aċċident kbir, u n-Netherlands wettqu investigazzjoni waħda (1) għal aċċident kbir. L-għadd totali ta' investigazzjonijiet li twettqu fl-2017 (20) huwa komparabbli mal-għadd li twettqu fl-2016 (23).

Ir-Renju Unit ħa 45 azzjoni ta' infurzar fl-2017, li ħafna minnhom kienu avviżi ta' titjib, għall-139 installazzjoni ttrattati f'din il-parti tar-rapport tiegħu (minn total ta' 188 installazzjoni). In-Netherlands ħadu 2 azzjonijiet ta' infurzar (multi amministrattivi). Għalhekk, l-għadd totali ta' azzjonijiet ta' infurzar li ttieħdu fl-2017 (47) huwa ferm akbar milli kien fl-2016 (10).

5. ID-*DATA* DWAR L-INĊIDENTI U L-PRESTAZZJONI TAS-SIKUREZZA TAL-OPERAZZJONIJIET OFFSHORE

Mill-Istati Membri attivi f'operazzjonijiet taż-żejt u tal-gass offshore, ir-Renju Unit, in-Netherlands, id-Danimarka, il-Ġermanja u l-Bulgarija rrapportaw l-inċidenti li ġejjin (skont l-Anness IX tad-Direttiva dwar is-Sikurezza Offshore).

- Fir-Renju Unit, kien hemm 30 avveniment rapportabbli fl-2017, inklużi 2 inċidenti kbar. Wieħed minn dawn l-aċċidenti kbar kien għadu qed jiġi investigat fiż-żmien ta' rapportar u għalhekk id-dettalji tal-investigazzjoni tiegħu mhumiex inklużi f'dan ir-rapport annwali. Il-kawżiet ewlenin tal-aċċident maġġuri li l-investigazzjoni tiegħu kienet lesta fiż-żmien ta' rapportar kienu żball uman u kawżiet operazzjonali, flimkien ma' struzzjoni/proċeduri mhux adegwati. Ir-rapport tar-Renju Unit ikopri 139 installazzjoni (minn total ta' 188).
- Fin-Netherlands, kien hemm 13 avveniment rapportabbli, inkluż aċċident wieħed kbir. Il-kawżi tal-aċċident maġġuri ma ġewx irrapportati, minħabba li l-każ kien għadu qed jiġi investigat fiż-żmien ta' rapportar.

- Fid-Danimarka, kien hemm 14 avveniment rapportabbli, inkluż aċċident wieħed kbir. Il-kawżi tal-aċċident maġġuri ma ġewx irrapportati, minħabba li l-każ kien għadu qed jiġi investigat fiż-żmien ta' rapportar.
- Fil-Bulgarija , kien hemm avveniment wieħed (1) rapportabbli, u ebda aċċident kbir.
- Fil-Ġermanja, kien hemm avveniment wieħed (1) rapportabbli, u ebda aċċident kbir.

L-għadd ta' aċċidenti maġġuri jinkludi inċidenti b'potenzjal sinifikanti li jikkawżaw imwiet jew korrimenti personali serji, anke jekk dawn ma wasslux għal dawn l-eżiti.

Mill-avvenimenti rapportabbli, il-biċċa l-kbira (79.7% tat-total) jaqgħu taħt il-kategorija ta' rilaxxi mhux intenzjonati; 13.6% kienu jikkonċernaw it-telf tal-kontroll tal-bir (attivazzjoni tal-iżbroffi/tat-tagħmir tad-devjazzjoni); 1.7% kienu jikkonċernaw nuqqasijiet ta' sikurezza u ta' elementi kritiċi ambjentali (SECE); u 5.1% kienu jikkonċernaw ħabtiet tal-bastimenti. L-ebda inċident ma kien jeħtieġ l-evakwazzjoni tal-persunal.

Tabella 5: Inċidenti skont il-kategoriji (Anness IX tad-Direttiva dwar is-Sikurezza Offshore, livell tal-UE)

Kategoriji tal-Anness IX		**Għadd ta' avvenimenti**	**Sehem tal-avvenimenti fil-kategorija**	**Sehem tal-avvenimenti totali**	**Għadd ta' avvenimenti (fl-2016)**
(a)	**Rilaxxi mhux intenzjonati - Totali**	**47**	**100.0%**	**79.7%**	**25**
	Rilaxxi ta' żejt jew ta' gass li ħadu n-nar – Nirien	1	2.1%	1.7%	0
	Rilaxxi ta' żejt jew ta' gass li ħadu n-nar – Splużjonijiet	0	0.0%	0.0%	0
	Rilaxxi ta' gass li ma ħax in-nar	31	66.0%	52.5%	13
	Rilaxxi ta' żejt li ma ħax in-nar	13	27.7%	22.0%	7
	Rilaxxi ta' sustanzi perikoluż	2	4.3%	3.4%	5
(b)	**Telf ta' kontroll tal-bjar - Totali**	**8**	**100.0%**	**13.6%**	**11**
	Żbroffi	0	0.0%	0.0%	0
	Attivazzjoni tat-tagħmir tal-prevenzjoni tal-iżbroffi/tat-tagħmir tad-devjazzjoni tal-flussi	6	75.0%	10.2%	11
	Ħsara fl-ilqugħ tal-bjar	2	25.0%	3.4%	0
(c)	**Ħsarat fis-SECE**	**1**	**100.0%**	**1.7%**	**3**
(d)	**Telf tal-integrità strutturali - Totali**	**0**	**-**	**0.0%**	**2**

	Telf tal-integrità strutturali	0	-	0.0%	0
	Telf tal-istabbiltà/tal-kapaċità taż-żamma f'wiċċ l-ilma	0	-	0.0%	1
	Telf tal-istabbiltà fl-istess post	0	-	0.0%	1
(e)	**Ħabtiet ta' bastimenti**	**3**	**100.0%**	**5.1%**	**0**
(f)	**Aċċidenti bil-ħelikopter**	**0**	**-**	**0.0%**	**0**
(g)	**Inċident fatali (*)**	**0**	**-**	**0.0%**	**0**
(h)	**Indarbu b'mod gravi 5 persuni jew iktar fl-istess aċċident (*)**	**0**	**-**	**0.0%**	**0**
(i)	**Evakwazzjoni tal-persunal**	**0**	**-**	**0.0%**	**1**
(j)	**Inċidenti ambjentali (**)**	**0**	**-**	**0.0%**	**0**
TOTAL		**59**	**100.0%**	**100.0%**	**42**

(*) Biss jekk relatati ma' aċċident maġġuri

(**) Skont ir-rapporti tal-Istati Membri, l-aċċidenti l-maġġuri ma kinux jikkwalifikaw bħala aċċidenti ambjentali.

Fl-UE, l-għadd totali ta' inċidenti rrapportati żdied minn 42 fl-2016 għal 59 dl-2017, l-iżjed minħabba għadd akbar ta' rilaxxi mhux intenzjonati. B'kuntrast ma' dan, l-inċidenti ta' "telf tal-kontroll tal-bir" naqsu minn 11 fl-2016 għal 8 fl-2017, u l-"fallimenti tal-elementi kritiċi ambjentali u ta' sikurezza" naqsu minn 3 għal 1 fl-istess perjodu. Ma kien hemm l-ebda rapport ta' fallimenti ta' integrità strutturali fl-2017, b'kuntrast ma' 2 fallimenti bħal dawn irrapportati fl-2016. Barra minn hekk, ma ġiet irrapportata l-ebda evakwazzjoni tal-persunal fl-2017, b'kuntrast mal-2016 meta evakwazzjoni bħal din seħħet darba.

Kien hemm tliet (3) ħabtiet ta' bastimenti rrapportati għall-2017 b'kuntrast għal xejn irrapportati għall-2016 u żewġ (2) fallimenti ta' ħitan tal-bjar b'kuntrast għal xejn irrapportati għall-2016. Fl-2017, total ta' erba' (4) inċidenti kienu kklassifikati bħala aċċidenti maġġuri[6], peress li setgħu

[6] ĠU L 178, 28 ta' Ġunju 2013, p. 73:
Artikolu 2(1): "aċċident maġġuri" tfisser, fir-rigward ta' installazzjoni jew infrastruttura konnessa:
(a) aċċident li jinvolvi splużjoni, nar, telf ta' kontroll tal-bir, jew rilaxx ta' żejt, gass jew sustanzi perikoluż li jinvolvu, jew b'potenzjal sinifikanti li jikkawżaw, imwiet jew korriment personali serju;
(b) inċident li jwassal għal ħsara serja fl-installazzjoni jew fl-infrastruttura konnessa li jinvolvi, jew b'potenzjal sinifikanti li jikkawża, imwiet jew korriment personali serju;
(c) kwalunkwe inċident ieħor li jwassal għal mewta jew korriment serju ta' ħames persuni jew aktar li jinsabu fuq l-installazzjoni offshore li minnha jkun ġej is-sors tal-periklu jew li jkunu involuti f'operazzjoni taż-żejt u tal-gass offshore b'konnessjoni mal-installazzjoni jew l-infrastruttura konnessa; jew
d) kwalunkwe inċident ambjentali maġġuri li jirriżulta minn inċidenti li hemm referenza għalihom fil-punti (a), (b) u (ċ).
Għall-finijiet li jiġi ddeterminat jekk avveniment jikkostitwixxix aċċident maġġuri skont il-punti (a), (b) jew (d), installazzjoni li normalment ma tkunx sorveljata għandha tiġi ttrattata daqslikieku kienet sorveljata.

potenzjalment jikkawżaw imwiet jew korriment personali gravi. Dawn għadhom qed jiġu vvalutati mill-awtoritajiet kompetenti. B'kuntrast, fl-2016 ġew irrapportati żewġ inċidenti kbar.

6. KONKLUŻJONIJIET

Kemm l-għadd ta' installazzjonijiet kif ukoll il-livell tal-produzzjoni globali taż-żejt u tal-gass naqsu kemm kemm fl-2017 meta mqabbla mas-sena 2016 (l-għadd ta' installazzjonijiet naqas minn 586 għal 554, filwaqt li l-produzzjoni totali naqset b'2.7%). L-għadd ta' spezzjonijiet u investigazzjonijiet imwettqa ma nbidilx b'mod sinifikanti.

Il-Kummissjoni tivvaluta s-sikurezza tal-operazzjonijiet taż-żejt u tal-gass offshore abbażi tad-*data* pprovduta mill-Istati Membri skont id-dispożizzjonijiet tar-Regolament ta' Implimentazzjoni dwar ir-rapportar. Għaldaqstant, il-preċiżjoni tal-valutazzjoni tal-Kummissjoni tiddependi fuq l-informazzjoni li tiġi sottomessa mill-Istati Membri.

Bħal fl-2016 ma ġiet irrapportata l-ebda mewta fl-2017. Barra minn hekk, il-Kummissjoni tapprezza t-tnaqqis ta' inċidenti f'ċerti kategoriji, bħal telf ta' kontroll tal-bjar, fallimen ti f'elementi kritiċi tas-sikurezza u tal-ambjent, u fallimenti fl-integrità strutturali. Hi tinnota l-għadd ta' aċċidenti maġġuri, rilaxxi mhux intenzjonati, ħabtiet ta' bastimenti u ħsarat fil-ħitan tal-bjar. Abbażi ta' dan t'hawn fuq, jista' jingħad li s-settur offshore Ewropew wera prestazzjoni tajba tas-sikurezza fl-2017.